# Leġġendi Ġiljaniżi

Salvatore Mousu



**San Ġiljan imur lura fl-istorja imma mhux wisq il-bogħod. Ma jidhirx, almenu s'issa, li nstabu xi dokumenti jew artifatti li jiskorru l-era tal Kavalieri. Kif il-qarrej jaf meta wieħed isemmi leġġenda mill-ewwel ħsebijietu jmorru ferm lura fiż-żmien u l-aktar komuni huma dawk tal-medjuevu. Rabtiet ma' dak iż-żmien ftit li xejn hemm, u l-aktar li wieħed jista "jiskopri" forsi jkun dak ta' xi isem ta' lokalita`antika bħal Wied Għomor - li m'hi għomor xejn għax l-oriġini hi dik ta' Wied Omar, it-triq tal Mensija, li illum tiġbed lejn San Gwann, il-Karmelitani u, forsi Fieres u Il-Qaliet. Għaldaqstant il-leġġendi ta' San Ġiljan jafu l-oriġini tagħhom lill-epoka tal-Kavalieri għalkemm xi riverberazzjonijiet medjoevali jista' jkun hemm.**

Dak li ommna n-natura rregalat lill San Ġiljan kien, u hu, il-fortuna tat-twelid u l-espansjoni tiegħu, għalkemm din tal-aħħar donna qed titlef kull kontroll fuq żvilupp sostenibbli. Il-ġmiel naturali, kombinat ma' binijiet karatteristiċi u ħelwin li setgħu jittrasformaw hawnhekk ambjent bħal dak ta' Portofino jew Positano, illum intradmu minn żvilupp selvaġġ u, fil-biċċa 'l-kbira tiegħu, ikraħ, bli skyline orrenda. L-insenaturi, il-widien, il-format ġeoloġiku rregalaw lill San Ġiljan dak kollu li n-natura taf toffri imma l-bniedem, fil-kilba tiegħu spekulativa, ħarbat u għarraq il-ġmiel oriġinali, ġmiel li l-Kavalieri apprezzaw u ħolqu ambjent u binjiet li armonizżaw man-natura. L-aqwa esponent ta' din l-armonija kien il-Kavalier Rafael Spinola li bena palazz, mhux ta' xi lussu jew kobor vanituż imma binja kważi kampanjola, ta' ċertu livell kemm trid nobiljari li pero` qagħad attent li ma jħarbatx n-natura anzi li jaġevolaha u jsostniha. Dawru b' hortus clausus (ġnien reċintat) li mlieħ bi ħxejjex bżonnjużi, pjanti, siġar u żejnu saħansitra b'żewġ funtani li, jingħad, darba fis-sena kien jitfa fihom l-inbid, għal kull min irid iduqu. Biex ikompli isebbaħ u fl-istess ħin jutilizża bżonn għas-sajjieda, bena dawk iż-żewġ boathouses li feraqhom bi skalinata fin-nofs li, maħnuqin kemm trid, imma għallinqas għadhom hemm!

Naħseb li bosta Ġiljaniżi, u l-aktar ta' dawk l-akkwati ta' Triq Spinola, xebgħu jisimgħu fuq dal-palazz u d-dintormi tiegħu, imma xtaqt hawn nirravviva l-memorja ta' kemm kien isbaħ San Ġiljan meta din in-naħa ma kenitx għadha ndifnet u ġiet fgata minn dawk il-mostrożitajiet kollha ta' quddiemu li tellfu waħda mill-isbaħ skylines li kellna f'pajjizna. Punt ieħor ta' din id-devjazzjoni ċkejkna hu dak ta' enfasi fuq il-lokalita` u l-istoriċita` tagħha; storiċita` li ma setgħetx ma twellidx ħsebijiet, stejjer u leġġendi!

Waħda minn dawn tirrakkonta li dan il-Kavallier kien ħoloq passaġġ sigriet li jgħaddi minn taħt l-art tal-palazz għal post mhux magħruf fil-kampanja. Dan il-passaġġ kien forma ta' mina mimlija bl-ilma fejn kien poġġa dgħajsa ċkejkna li setet iġġorru barra biex jaħrab f'kas ta xi attakk għal għarrieda. Jekk dan hux minnu qatt ma ġie ppruvat pero` huwa fatt li jeżisti gandott imdaqqas li mill-palazz jieħu għal lokalita` li llum nafuha bħala "The Gardens". Huwa fatt ukoll li



dat-tip ta' kanali ġieli tħaffru u nbnew f'diversi binjiet ta' xi rħula u bliet, l-aktar fil-belt Valletta.

Leġġenda oħra tgħid li dal-kavalier li mid-dehra kien iħobb il-qatra - darba fis-sena kien jagħmel festa kbira u fl-aqwa taċ-ċerimonja huwa kien jimla bl-inbid waħda mill-funtani u jistieden lil kulħadd - l-aktar il-mistednin tal-inħawi - biex jiġu u jlegilgu kemm iridu. Naturalment xi wħud il-qatra kienet titlalhom għal rashom u tistgħu timmaġinaw x'seta jissuċċiedi! Hawn min isostni li din m'hi leġġenda xejn, imma jien inhoss li hi tip ta reminixxenza ta' drawwa simili (li illum inqatet) li ssir ta' kull sena ġewwa Marino, subborg ta' Ruma.
Eżattament faċċata, fuq in-naħa l-oħra tal-insenatura, li llum hi fgata bid-dgħajjes, tinsab l-istatwa ta' San Ġiljan tal-ġebel. Din kienet fil-passat aktar 'l-isfel fl-istess livell kważi tal-baħar u eqreb lejn ir-roundabout u l-istatwa tal Qalb ta' Gesu. Hawn irridu ingibu quddiem għajnejna l-oriġini ta' dan il-lokal li kien fl-isbukkar tal-Wied, lejn il-baħar. Meta l-ilmijiet friski kienu għadhom igelglu f'tarf il-wied sakemm jinfirxu ħelu, ħelu fil-bajja. Intant tgħid il-leġġenda li żmien ilu f'dan il-post, l-ommijiet kienu jġibu t-trabi tagħhom hawn u jaħsluhom f'din in-nixxiegħa propju taħt in-niċċa ta' San Ġiljan għax, kienu jaħsbu li dan l-ilma "ta' San Ġiljan" kien mirakoluż li jħares u jfejjaq kull marda li t-tarbija, jew trabi, setgħu jiġu bżonn..`

Hawn min forsi jiddubita minn din id-drawwa li, probabilment kienet tabiħaqq issir imma l-importanti hu li, kif kien jirrakkuntali l-mibki folklorista Ġuże Cassar Pullicino, li din id-drawwa tista tmur lura anki sa żmenijiet preistoriċi, meta l-ilma kien ikun meqjus u meqjum bħala duwa tal-allat u allura tidħol l-idea leġġendarja ta' dawk l-antenati imbegħda tagħna.

Jekk minn hawn nerġgħu lura għal Triq Spinola u niġbdu lejn id-Dragunara inlestu ruħna għal leġġenda oħra did-darba ta' twerwir missierijietna. Jekk nippruvaw niflu daqsxejn l-oriġini tal-isem innifsu mill-ewwel nindunaw li jidħol fin-nofs xi dragun li l-etimoloġija tal-kelma nnifisha tissuġġerihulna. Hekk per eżempju bħal Kalkara (post il-kalk, ġir, ecc.), Birkirkara (post il bir jew bur), il-Qattara (post il qtar tal-ilma), eċċ u allura hekk ukoll Dragunara (lokal tad-dragun).

Ovvjament kulħadd jaf li d-dragun huwa annimal fittizju imma mhux hekk kienu jaħsbuha l-antenati mbegħda tagħna u aktar ma tmur lura fiż-żmien aktar issib li n-nies kienu konvinti mill-eżistenza ta' dan il-mostru marin u allura hawn nidħlu għal-aħħar leġġenda li tirrakkonta kemm hawnhekk kien jabita dragun mostruż u ġgantesk fl-għerien kbar u profondi li jinsabu taħt din il-penisola tad-Dragunara. Dan id-dragun kellu mumenti ta' kwiet imma kellu wkoll mumenti meta kien irid jitmattar sew u ġieli anki jitmasħan meta xi ħadd jew xi ħaġa tinbxu bħal meta kienu jfaqqgħu l-maltempati u mewġiet kbar iħebbu għall-art. Ġieli anki kien kultant joħroġ bil-lejl u miskin hu min ikun fil-qrib ! L-abitanti ta' dan-naħat kienu jibżgħu minn dan id-"dragun" u speċjalment fil-maltempati li kienu jisimgħu r-rabja u anki t-tregħid tal-art kawżati minnu u ġieli wkoll jisimgħu l-infiħ u krib tiegħu.

Sa hawn il-leġġenda imma kien hemm raġunijiet tal-imġiebet ta' missierijietna ? Qabel inbniet Villa Dragonara illum Casino` dan l-ilsien ta' art kien post għeri, diżabitat u selvaġġ saħansitra il-baħar kien perikoluż ukoll mhux fil-maltemp peress li kien hemm, u għadhom, dawk il-blatiet perikolużi tal hekk imsejħin "Il Merkanti" li min jaf kemm innawfraġaw u tkissru fuqhom.

Bosta minna żgur per eżempju jiftakru it-traġedja ta' li "Star of Malta" li kien inkalja hawn fis-sena 1955. Aħseb u ara kemm dan kien jissuċċiedi fil-qedem u allura ..... kien jeħel id-dragun li farrakhom ! It-tregħid tal-art, il-ħsejjes infernali u l-atmosfera ta' qilla kienu riżultat tal-maltemp speċjalment meta kien jaħbat il-grigal.

Din l-areja kienet tkun imsawta u dawk in-nifsijiet tiegħu ma kenux ħlief il-ħsejjes ta' eluf ta' sallur li kienu jbejtu hawn u li llum il "progress" qered !

